# Qawwas il-watar

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Qawwas il-watar huwa l-isem ta’ waħda minn serje ta’ taħditiet animati fis-**Sensiela Serati Mużikali**. L-għan tagħhom hu li jedukaw lill-qarrej biex tagħraf tapprezza aħjar l-arti mużikali fil-forom kollha tagħha. Din it-tielet serata kienet saret ġo Każin tal-Banda nhar il-Ħamis 5 ta’ Diċembru 2002. Fiha ngħatat ħarsa twila u mifruxa ta’ kif twieled u żviluppa l-vjolin, u l-ewwel dehra tiegħu fl-Italja fl-ewwel nofs tas-seklu sittax. Biex l-udjenza setgħet tifhem u tapprezza aħjar, żewġ studenti tal-akkademja fi ħdan l-istess Banda, Matthias Azzopardi u Gian-Paul Gauci, sammgħulna l-ħoss tal-vjolin billi daqqewlna xi xogħlijiet magħrufin ta’ kompożituri rinomati. Min-naħa tiegħu, il-kitarrista Ruben Muscat kien tana biċċtejn xogħol fuq il-kitarra klassika. Sar ukoll qari ta’ żewġ poeżiji minn Ronald Briffa, “Il-vjolin marid” (Rużar Briffa), u “Biex tifhem il-vjolini” (Mario Azzopardi). Is-serata kellha direzzjoni artistika u preżentazzjoni tiegħi.

Kliem muftieħ: Rebekk, Vjol, Vjolin, Vjola, Vjolinċell, Kuntrabaxx, Nani, Carabott, Camilleri, Fiamingo, Cirillo, Pace, Grech, Lauri, Għaqda Mużikali Sant’ Anna Wied il-Għajn, Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun.



**DAĦLA**: Meta l-bniedem beda jikkaċċja l-annimali vvinta il-qaws. Tgħidx kemm kien jiġri għal urajhom bit-tama li xi darba jolqot wieħed minnhom bil-vleġġa u jagħmel ikla tajba minnu! Darba fost l-oħrajn ikun qed jikkaċċja ma’ sieħbu u kull darba li jiġi biex jispara, iċ-ċerv jaħrablu minn taħt il-mira. Damu jiġru warajh qatigħ u l-imsaren ma waqfux jgergru! F’ħin bla waqt, wieħed minnhom jiftillu jqiegħed il-tarf tal-qaws ma’ ħalqu, u bil-ponta ta’ sebgħu qaras il-watar. U bla ma jaf kif ħareġ ħoss ta’ tvenvin li bħalu qatt ma kien sema’ qabel! Iċ-ċerv, għal dan il-ħoss mhux tas-soltu, waqaf zobtu u dar iħares ċass lejhom bħal donnu maħkum minn xi seħer. U kif kien hekk iċċassat, il-kaċċatur l-ieħor fajjarlu żewġ tiri kif imiss!

L-istorja ta’ kif imbagħad żviluppa l-vjolin ħadd ma jafha sewwa. Li nafu żgur huwa li, fiż-żmenijiet tan-nofs ġa kien hemm varjetà sħiħa u wiesa’ ta’ strumenti tal-korda. L-aktar importanti fosthom, u li l-vjolin jista’ jingħad li huwa ġej minnhom, huma:





The Rebec

IR-**REBEKK**: strument mużikali li, b’xi mod jew ieħor, għandu mill-vjolin imma ġej f’forma ta’ lanġasa u jindaqq b’ark fuq tliet kordi. Dan l-istrument antik jaf l-oriġini tiegħu fi żmien il-Medjuevu. X’aktarx hu invenzjoni Għarbija li kien introdott fi Spanja, u wara f’pajjiżi oħra Ewropej. Fil-fatt, l-isem ġej minn *rebab* (li għandu forma kwadra u ġej għal ponta fin-naħa t’isfel) strument li kien maħdum minn biċċa għuda waħda li tifforma ż-żaqq u l-għonq tal-istrument (u jindaqq b’ark fuq żewġt iwtar). Jidher li r-rebekk ma baqax jintuża fil-forma oriġinali tiegħu wara ż-żmien tar-Rinaxximent.[1] Kien jeżisti wkoll ir-rebekkin, li f’dal-każ, la qed nirreferu għal xi berrina, trapan, jew golja żgħira, u lanqas għal dik il-ħuta li tixbah lir-*rajja*, magħrufa wkoll bħala *pixxivjolin*[2], imma sempliċiment għal rebekk żgħir! (L-istampa tax-xellug turi r-Rebab tal-Għarabja, filwaqt li dik tal-lemin turi ġukulier, jew ġuklar[3], idoqq ir-rebekk medjevali.)

---

[1] Ara x’Int Tgħid, Gossarju Enċiklopediku ta’ Termini Storiċi – Toponimi – Qwiel u Idjomi – Tradizzjonijiet maltin – Kurżitajiet oħra ta’ Martin Morana – Best Print 2012. Ir-rebekk kellu tliet kordi, u mhux waħda, kif jgħid l-awtur fil-ktieb tiegħu.

[2] Wieħed jinnota wkoll hawnhekk, li l-kelma *vjolin* tifforma parti mill-isem tal-ħuta. Hemm ukoll mbagħad, il-*pixxitrumbetta*, ħuta żgħira fiha biss daqs 15-il ċm., imsejħa wkoll *minfaħ/bassasa*!

IL-**VJOL** (bl-Ingliż, *Viol*): wieħed minn familja sħiħa ta' strumenti mużikali li kienu jindaqqu bl-ark fuq sitt-iwtar, u bil-manku tiegħu mmarkat bit-tasti biex jirregola l-għafsa tas-swaba'. Għalkemm bħala strument ġie żviluppat fil-medjuevu, xorta waħda kien jintuża l-aktar fil-perjodu Rinaxximentali u dak Barokk. U peress li kien hemm familja sħiħa minnhom dawn, u ta' daqsijiet differenti, ħafna jqisuh li huwa l-antenat tal-vjolin. Dan minkejja l-fatt li, hemm xi affarijiet li huma strutturalment differenti bejn iż-żewġ strumenti, bħal ngħidu aħna, il-vjol aktar ġej f'forma ta' ottu (8), u dahru huwa ċatt u mhux ibbuzzat bħal tal-vjolin.



Tajjeb li ngħidu wkoll li, il-vjolin, kif nafuh illum, deher għall-ewwel darba fl-Italja fl-ewwel nofs tas-seklu sittax. Sa dak iż-żmien, il-vjol kien għadu l-aktar strument popolari tal-korda. Madankollu, il-familja tal-vjol ma kellha x'taqsam xejn ma' dik tal-vjolin. Tant hu hekk li, kien hemm żmien fejn dawn it-tnejn kienu jdoqqu spalla ma' spalla. Imma l-vjolin ma damx ma rebaħ fuq il-vjol peress li kellu aktar ħeffa fid-daqq tan-noti. Dan minbarra li kellu aktar saħħa fit-ton, jew kontroll/manipulazzjoni tal-leħen, kien jaf jibrilla, u kellu firxa aktar wiesgħa f'dik li hija espressjoni. Minħabba f'hekk, il-vjol għeb mix-xena u ma reġax deher aktar. Dan aktar u aktar wara li familji ta' lutiera magħrufin bħalma huma, Stradivari, Guarneri, u Armati, komplew jipperfezjonaw fuq il-binja u l-ħoss tal-vjolin fiż-żewġ sekli li ġew wara.

**BIEX TQAWWAS IL-WATAR:** Ibda biex, il-vjolin irid jinżamm b'mod orriżontali taħt il-geddum u jiġi jserraħ fuq l-ispalla x-xellugija. Jista' jindaqq b'żewġ modi differenti: (a) billi tmexxi l-arkett, jew il-qwajjes (jew qaws żgħir) għal fuq watar jew aktar. Meta tagħmel dan, bħal tvenvin żgħir jgħaddi mill-iskannell dritt għal ġol-qafas imbewwaq tal-istrument (għax żaqq il-vjolin minn ġewwa tkun battala). Dan, fih innifsu, jibda jivvibra u jipproduċi ħoss. Dan il-ħoss min-naħa tiegħu mbagħad joħroġ minn fomm il-vjolin permezz ta' żewġ toqbiet tawwalin li jkun hemm fuq sider il-vjolin. Dawn it-toqbiet, li jkunu ġejjin f''forma ta' *effe*, iservu wkoll ta' tiżjina ġeometrika peress li waħda mill-effijiet tkun qed tħares bil-maqlub tal-oħra u b'hekk tinħoloq simetrija; (b) billi toqros il-watar jew aktar bil-ponta ta' subgħek il-werrej u fl-istess ħin kemm kemm tiġbidha. Dan id-daqq bil-qris, bit-Taljan insejħulu *pizzicato* (pizzikat, jew qris bis-swaba'). Bħala eżempji mużikali sbieħ f'moħħi jiġu mill-ewwel il-*Pizzicato Polka* Op. 449 ta' Johann Strauss II, jew il-*Pizzicato* għal orkestra tal-korda tal-kompożitur prolifiku Malti, Carmelo Pace.


*A Dancing-Master with his Kit*

L-**ARKETT** jew il-**QWAJJES**: dan ikun magħmul minn stikka mdaqqsa tal-injam b'saħħtu u allura jista' jiltewa bla taħbit ta' xejn. Il-*Pernambuco* jew *snake-wood* huma biss żewġ tipi ta' njam li jintużaw għall-arkett (jew qwajjes) u li iżda jinstabu biss fl-Amerka t'Isfel. Mal-arkett (jew qwajjes) jeħlu mal-mitejn xagħra ta' denb iż-żiemel! Dawn jiġu stirati billi ddawwar il-vit li jkun hemm fuq in-naħa ta' l-għarqub tiegħu. Parir żgħir huwa li, meta ma tkunx qed tużah, ħoll il-vit biex ix-xagħar jintreħa xi ftit u allura ma jibqax stirat il-ħin kollu. B'hekk ix-xagħar ma jiġrilux ħsara bla bżonn. Ix-xagħar ikollu bżonn ukoll lagħqa raża biex jiġi jwaħħal, ħalli meta tmexxih għal fuq il-watar, jaqbad miegħu u jimbottah lejn naħa waħda. Il-watar min-naħa tiegħu jinħeles minnufih biex jerġa' jinqabad mill-ġdid f'anqas minn sekonda. Dan il-proċess jibqa' jirrepeti ruħu sakemm il-watar jibda jvenven u b'hekk jipproduċi ħoss. M'għandniex xi ngħidu, għad-daqs żgħir tal-vjolin, l-iwtar ikunu rqaq u qosra. In-noti differenti jinkisbu billi tirfes fuq it-tastiera bis-swaba'. Il-vjolin għandu ħila wkoll jirfes minn żewġ sa tliet noti fl-istess ħin. Imma biex jirfes erbgħa f'daqqa irid l-ewwel iqawwas it-tnejn ta' taħt

---

[3] Joseph Vella Bondin, fil-ktieb tiegħu 'Il-Mużika ta' Malta sal-aħħar tas-Seklu Tmintax', pġ. 34, jagħti l-kelma *jokulatori* bħala "artisti professjonali tal-epoka li kienu jmorru fejn jissejħu biex ikantaw u jdoqqu, jagħmlu l-kuntrumbajsi u l-bużullotti, u mbagħad imexxu ż-żfin li normalment kien jikkonkludi s-serata." Fost l-istrumenti li kienu jużaw kien hemm ukoll il-vjol.

u, b'ħeffa liema bħala, jgħaddi mill-ewwel għat-tnejn ta' fuq. Dan jiġri minħabba li, il-kurvatura ta' l-iskannell (jew moxt) iżżomm lill-arkett (jew qwajjes) milli jmisshom l-erbgħa f'daqqa.

**IL-FAMILJA TAL-VJOLIN**: Din il-familja tiġbor fiha erba' strumenti li, għalkemm tal-istess għamla, huma ta' daqs differenti minn xulxin, u li lkoll jagħmlu użu minn sett ta' erbat iwtar (jew kordi), u li jistgħu jindaqqu kemm bl-arkett (jew qwajjes), jonkella bis-swaba' (pizzikat). Iż-żgħir fosthom huwa l-**VJOLIN** li, minħabba d-daqs żgħir tiegħu, għandu l-aktar timbru għoli. Warajh jiġi l-**VJOLA**, li hu kemmxejn akbar minn ta' qablu u allura leħnu jaf ikun aktar kiebi. Imbagħad jiġi l-**VJOLINĊELL** li, fid-daqs tiegħu hu bil-wisq akbar mill-vjola u jintona ruħu ottava taħtu. Minħabba f'hekk ukoll, in-noti tiegħu jistgħu jkunu ibjex bħala ħoss. Il-kbir fosthom huwa l-**KUNTRABAXX**, li jerġa' huwa ħafna akbar mill-vjolinċell u għandu iwtar (jew kordi) il-vera ħoxnin. Hemm strumenti oħra hekk imsejħa tal-korda, bħalma huma l-arpa u l-kitarra, imma li posthom mhux f'din il-familja peress li ma jindaqqux bl-arkett (jew qwajjes) imma bis-swaba' biss. Dawn, u strumenti oħrajn li ma jaqgħu taħt l-ebda waħda mill-erba' familji li s'issa laqqajtkom magħhom, jiġifieri dawk l-istrumenti tal-injam, tar-ram, tal-perkussjoni, u din tal-korda, ser inkun qed nitkellem dwarhom f'xi edizzjoni oħra.




Il-**VJOLIN**: (il-kelma hija diminuttiv ta' vjol żgħir) għandu erba' kordi (jew iwtar, pl. ta' water) tal-metall jew najlon, li dari kienu jsiru mill-imsaren ta' qattus! Qabel ma wieħed jibda jirfes in-noti fuq il-vjolin, dawn iridu jikkurdaw ruħhom minn qabel kif ġej: is-SOL (IV) u r-RE (III) ta' taħt il-pentagramma, u l-LA (II) u l-MI (I) tat-tieni u r-raba' spazju rispettivament. L-iwtar (jew kordi) l-ewwel iridu jgħaddu minn ġo marbat li jkun hemm fuq in-naħa t'isfel tal-vjolin, imbagħad jgħaddu għal fuq l-iskannell (jew pont żgħir tal-injam f'forma ta' moxt), jgħaddu minn fuq it-tastiera (jew mirfes), u jaslu sal-iskroll (jew delu) li jkun hemm fin-naħa ta' fuq tal-vjolin. L-iwtar (jew kordi) mbagħad, jintrabtu permezz tal-utied – imsiemer tal-għuda forma ta' mfejtaħ, biex dak li jkun jkun jista' jistirahom, u jibqa' jrassas fihom sakemm jara li l-erba' li huma qedin intunati fi kwinti perfetti kif suppost. L-iskannell iżomm il-kordi mgħollijin 'l fuq bla ma jmissu ma' żaqq il-vjolin u fl-istess waqt jitħallew ivenvnu bla xkiel ta' xejn. Il-wiċċ tal-vjolin ikun x'aktarx ta' l-arżnu u l-bqija tiegħu tas-sikamoru. Huwa jingħata passata verniċ sabiex, minbarra li jibqa' jleqq, jibqa' wkoll priservat. Dan jista' jwassal ukoll biex il-ħoss tiegħu mhux biss jisbieħ, imma wkoll jibrilla aktar f'dak li hu timbru.




Il-**VJOLA**: hawnhekk mhux qed nirreferu għal dik ix-xitla komuni/salvaġġa bi fjuri mżewqin, xi drabi bojod, li twarrad fi Frar, jonkella għal dak il-lewn ikħal dagħmi, lelà skur, jew blu mħallat bl-aħmar, imma għal għal dak l-istrument tal-korda kemm kemm akbar mill-vjolin. F'dak li hu leħen imbagħad, il-vjola huwa aktar fond minn tal-vjolin u xogħlu huwa aktarx li jakkumpanja xi melodija. Qabel ma jibda jirfes in-noti fuq it-tastiera, il-vjolist ikun irid l-ewwel jintona l-iwtar kif ġej fil-kjavi tal-kuntralt kif ġej: DO (IV) ta' taħt il-pentagramma, is-SOL (III) u r-RE (II) fl-ewwel u t-tielet spazju rispettivament, u l-LA (I) fl-ewwel spazja li jiġi eżatt barra fin-naħa ta' fuq tal-pentagramma. Tajjeb ngħidu hawnhekk li, mit-tielet sal-ewwel korda għandhom mill-istess grad ta' ton tal-vjolin.

Il-**VJOLINĊELL**: bħala strument ġieli jħalltuh mar-rebekk. Dan jerġa' jkun ħafna ikbar minn vjola u għal din ir-raġuni huwa aktar goff meta tiġi biex iġġorru minn post għall-ieħor. Jindaqq minn bilqiegħda u mwaqqaf bejn l-irkupptejn. Fil-qiegħ jkollu bħal virga tal-ħadid ġejja għall-ponta ħierġa minn ġo fih biex meta sserrħu mal-art dan ma jiżloqlokx waqt li tkun qed tħanxar fuqu. Il-vjolinċell jikkordu ruħu l-istess bħall-vjola, imma ottava taħt minħabba li l-kordi (jew l-iwtar) tiegħu huma ferm eħxen. U peress li għandu l-vuċi tiegħu pjuttost ħoxna, ħafna drabi hu jaqra fil-kjavi tal-FA (għalkemm ġieli jkolli wkoll passaġġi fejn ikun irid jaqra fil-kjavi tat-DO,

saħansitra dik tas-SOL meta jkollu xi noti bil-wisq akuti.) Bħala strument tal-korda, aktarx li jgħin fl-armonija, sew meta jkun qed idoqq f'xi orkestra sinfonika, kif ukoll f'xi biċċa mużika *da camera*. Meta jrid ukoll, jaf jinsiġlek xi melodija li tħollok b'dik il-vuċi tenorili tiegħu.




Il-**KUNTRABAXX**: ismu miegħu, fil-fatt hija tagħqida ta' żewġ kelmiet = kontra + baxx, jew kontra l-baxx, iżda mhux għax jimxi bil-kontra d-daqq ta' xi baxx ieħor, anzi, jikkumplimenta d-daqq tal-vjolinċell, imma ottava taħtu. Tant hu hekk li, għall-kuntrarju tal-membri kollha l-oħra tal-istess familja, il-kuntrabaxx huwa strument li jittrasponi peress li, in-noti li jkollu miktubin quddiemu, meta jindaqqu, fil-fatt jinstemgħu ottava taħt. Dan isir biex jiġu evitati ħafna noti barra mill-pentagramma li jista' jxekkel mill-qari tagħhom. Ħaġ' oħra hi li, il-kuntrabaxx jintona ruħu permezz tal-kwarti perfetti, i.e. MI (IV) – LA (III) – RE (II) – SOL (I) u, minħabba l-guffaġni tiegħu, ma jistax jinżamm taħt il-geddum, imma irid jindaqq minn bilwieqfa jew billi tpoġġi fuq ix-xifer ta' xi banketta għolja. Il-kuntrabaxx jintuża ħafna wkoll fil-mużika ġazz - tip ta' mużika b'ritmu qawwi li oriġinat min-negri tal-Amerka, u li tagħmel użu eċċessiv ta' sinkopazzjoni. Għal dan il-għan, il-kuntrabaxx aktar jindaqq bis-swaba' (pizzikat) milli bl-arkett (jew qwajjes).

**VJOLINISTI, VJOLISTI U VJOLINĊELLISTI MALTIN TA' FAMA**: Bħal kull pajjiż ieħor, Malta wkoll għandha biex tiftaħar bit-talenti kbar f'kull qasam li hija rnexxielha tipproduċi matul iż-żmenijiet, mhux anqas f'dak tal-mużika. Uħud minn dawn it-talenti saħansitra kisbu fama barra minn xtutna, jew ngħataw rikonoxximent mill-barranin stess.

Fost dawn il-mużiċisti kbar li kienu jdoqqu strument tal-korda nsibu lil Angelo NANI (1751–1844) li, għalkemm twieled f'Castel Franco fil-provinċja ta' Venezja, għex u miet Malta wara li l-Gran Mastru Pinto kien impjegah bħala vjolinista fil-Palazz tal-Granmastri. Għadu tfal, Angelo kien wiret il-ħajra għall-mużika mingħand missieru stess, Gerolamo li kien ukoll vjolinista gwapp. Huwa tgħallem il-vjolin mingħand is-surmast Nazzari. Min-naħa tiegħu, dan Nazzari tant kien sodisfatt bil-progress ta' Angelo li ried ilaqqgħu ma' ċertu Rapp, professur Ġermaniż tal-vjolin, u bis-saħħa t'hekk spiċċa Malta.



*A Member of Louis XIV's Band*

Angelo baqa' jaħdem bħala vjolinista anke matul is-saltna tal-Granmastru Fra Emmanuel De Rohan Poldhuc, fejn dan tal-aħħar żammu mhux biss mal-Mużiċisti gwappi tal-Palazz Maġistrali, imma saħansitra ħatru wkoll segretarju privat tiegħu. Jingħad li, fi żmienu ħadd ma kien iħabbatha mal-ħlewwa ta' kisra li kienet toħroġ mill-arkett tiegħu! Aktar tard f'ħajtu, Angelo kien inħatar ukoll vjolinista fil-Katidral tal-Imdina, liema post żamm sa mewtu. Barra minn dax-xogħol, Angelo kien ukoll prim vjolin u direttur tal-orkestra fit-Teatru Manoel, liema kariga baqa' jokkupa sal-1828. Kien ukoll impresarju tal-istess teatru għal sitt staġuni sħaħ, u rnexxielu jikseb l-impriża f'idejh għal erba' darbiet konsekuttivi għal għaxar snin sħaħ.

Angelo kien iżżewweġ lil Ninfa Schembri, u minnha kellu tmien subien u erba' bniet. Uħud minnhom saru mużiċisti, fosthom **Agostino** (1782-1846), li kien vjolinista u li waħda mix-xogħlijiet tiegħu tinsab fl-Arkivju tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, u **Vincenzo** (1775- ?). Imma l-aktar wieħed li spikka fosthom kien **Emmanuele** (1769-1860), l-ewwel wild ta' Angelo u l-ewwel Nani li twieled f'Malta.

**Emmanuele** NANI aktarx studja taħt missieru u aktar tard ma' Vincenzo Anfossi, organista fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Għadu ġuvnott, daqq flimkien ma' missieru xi sinfoniji għal żewġ vjolini obbligati fit-Teatru Manoel fil-preżenza tal-Granmastru, Kavalieri u Mużikanti. F'Malta, Emmanuele kien ġie maħtur Sekond Vjolinista fil-Katidral tal-Imdina, imma ma damx wisq fiha għax siefer l-Italja fejn f'qasir żmien laħaq Direttur tal-Orkestra tat-Teatru Camojar fl-Istat ta' Modena. Kien għamel eżami f'Lucca u ġie l-ewwel wieħed u daqq

ta' vjolinista f'Kunċert ta' Mużika klassika magħmul minn mużiċisti ċelebri. Minn dak in-nhar 'il quddiem, isem Emmanuele nfirex mal-ibliet kollha tal-Italja sa ma wasal Venezja. Id-*duce* ried jisimgħu u stiednu biex idoqq fil-palazz tiegħu flimkien ma' Rolla, Rovalli u Gros, tliet ċelebritajiet li kienu fis-servizz tad-Duka ta' Parma. Minbarra li, għal xi żmien, Emmanuele għamilha ta' Prim Vjolinista u Direttur tal-orkestra tat-*Teatro Domenica*, u aktar tard, tat-*Teatro Comunale Provvisorio* ta' Katanja, kien ukoll impjegat bħala Prim Vjolinsta fil-Katidral f'din l-istess belt.

Lura Malta fl-1823, Emmanuele laħaq Direttur tal-Orkestra tat-*Teatro Britannico*, u ħames snin wara kien jokkupa l-istess kariga fit-Teatru Manoel. Fl-1834 iżżewweġ għat-tieni darba lil Caterina, imwielda Xicluna. Huwa kellu żewġt itfal mill-ewwel żwieġ tiegħu ma' Theresa Torteu', imwielda Trapani li kien sar fl-1787 meta kellu biss 18-il sena. L-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom f'Katanja, u għad li mgħobbi bis-snin baqa' jdoqq ta' Prim Vjolin fit-Teatru u fil-Katidral. Miet meta kellu kważi tnejn u disgħin sena!

Familja oħra li tatna vjolinisti gwappi hija dik ta' CARABOTT. Insemmu lil missier, **Luigi** (1832–1889), li l-mużika tiegħu hija kollha mitlufa. Kien l-ewwel Surmast-Direttur tas-*Societa Filarominca Nazionale* 'La Valette' li huwa stess kien waqqaf fl-1874. Ibnu, **Ruġġieru** (1860–1896) wkoll ta ruħu għall-mużika billi studja l-vjolin għand missieru stess u sar vjolinista tat-Teatru Rjal. Kien Surmast-Direttur ta' xi baned Maltin. Kiteb ukoll xi sinfoniji u bċejjeċ mużikali oħra.


PL. 7. *Piatti (1822–1901), an Italian 'cellist.* ('Cello—p. 31)

Insemmu wkoll lil ħuh l-ieħor, il-kavalier **Ċensu** (1844–1914) li, bħal ħuh Ruġġieru studja l-vjolin għand missieru u armonija, kuntrapunt u orkestrazzjoni għand Giuseppe Vella. Ġie żmien, li dan is-Surmast daqq il-vjolin fl-aqwa teatri tal-Ġermanja u fit-Teatru Rjal tagħna. Hu kien laħaq Surmast-Direttur tal-Banda 'La Valette' wara missieru. Xi xogħlijiet minn tiegħu jinsabu merfugħin fl-arkivju ta' din l-ewwel Banda Beltija.

U xi ngħidu mbagħad għal **Pawlu** (1906 – 1976) li wkoll studja l-vjolin taħt missieru u li ta xi kunċerti bħala solista sa minn età żgħira. Studja wkoll il-vjolinċell u ta' sittax-il sena narawh prim vjolinċellista tat-Teatru Rjal. Kiseb il-*Licenciate* mir-Royal Schools of Music (L.R.S.M.). Kiteb studji għall-vjolinċell fosthom, trattat bl-Ingliż - *The technique of the left hand* - liema trattat ġie milqugħ u mfaħħar minn vjolinċellisti barranin. Bosta drabi ta kunċerti bil-vjolinċell f'Malta u barra.

Hemm imbagħad il-familja CAMILLERI. **Nerik** (1842–1929) studja l-klarinett taħt missieru Ċensu (1821 – 1897) u l-vjolin għand Luigi Carabott. Kien professur tal-vjolin fit-Teatru Rjal u fit-Teatru Manoel u f'diversi kappelli. Ħuh **Gavinu** ( ? -1910) ukoll ħareġ vjolinista u kornettista mill-aqwa, serva fiż-żewġ Teatri ta' Malta, fil-Kattidral u fi knejjes oħra. Laħaq ukoll direttur ta' baned u kompożitur ta' mużika varja. Ħuhom iż-żgħir l-ieħor **Dandu** (1859–1942) studja l-flawt u l-vjolin għand missieru u l-armonija u l-kompożizzjoni għand ħuh Nerik. Kien il-prim flawtista tat-Teatru Rjal għal tletin sena sħaħ, u ġieli daqq ukoll fit-teatru ta' Covent Garden. Kiteb bosta mużika sagra u xi oħra profana għall-Banda. Kien *Maestro di Cappella* ta' ħafna parroċċi u direttur ta' Baned.


PL. 8. *Bottesini (1821–89), a famous Double-bass player, playing on the Three-stringed Bass.* (Double-bass—p. 32)

U xi ngħidu mbagħad għal **Karlu** FIAMINGO (1881–1961). Tgħallem il-vjolin għand missieru Ġorġ, vjolinista msemmi. Ta' 14-il sena beda jdoqq il-vjolin fl-Orkestra tat-Teatru Rjal u laħaq prim vjolinista. Karlu qatt ma tbiegħed minn xtutna. Il-kompożizzjonijiet tiegħu l-aktar imfaħħra kienu dawk għall-vjolin solista, u xogħlijiet miktubin għal vjolinista b'teknika fina u b'ħeffa konsiderevoli ta' swaba'. Joseph Joachim kien faħħar il-kompożizzjonijiet ta' Fiamingo u qatagħhom bħala kapolavuri. It-Taljan G. Luporini wkoll faħħar ħafna x-xogħlijiet tiegħu u sejħilhom ġawhriet. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsemmu biss l-*Andante Appassionato*, il-*Pensiero Melanconico*, il-*Gran Capriccio di Concerto* - li jikkonsisti f'varjazzjonijiet fuq in-*Norma* ta' Bellini, u

l-*Barcarola*, kollha għall-vjolin u l-pjanuforti, kif ukoll id-*Danse Infernale* '*caprice fantastique*' għall-vjolin u orkestra jew għall-akkumpanjament tal-pjanu, biċċa xogħol miktuba apposta għall-vjolinista Ungeriż ta' fama mondjali, Joseph Joachim.

U la wasalna s'hawn insemmu wkoll lil **Mario** CIRILLO (1897-1955). Studja l-mużika għand missieru Anġlu, kontrabaxxista u alljev ta' Zingarelli f'*San Pietru a Mejella* flimkien ma' Anton Nani, Rikard Bugeja u Alfred Hare. Ta' 16-il sena daqq il-vjolin fl-ewwel ċinema ġewwa Tripli. F'Malta wkoll kien waqqaf l-orkestra "Bellini" tal-Ħamrun bl-alljevi tiegħu stess. Fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu għadd ta' vodvilli, bċejjeċ għal vjolin waħdu, u anke għal vjolinċell, kitarra u pjanu, rumanzi *da camera*, mużika ballabbli, u oħrajn għaċ-ċini.

Il-kompożitur prolifiku **Carmelo** PACE (1906-1993) kien ukoll vjolista tajjeb. Studja l-mużika u vjolin għand zijuh Vincenzo Ciappara, imbagħad għand Carlo Fiamingo. Id-disa' snin li qatta' fit-Teatru Rjal bħala Professur tal-Vjola wittewlu t-triq għas-suċċess. Iżda, meta wasal waqtu ħtieġlu jinqata' mill-istrumenti (vjola, vjolin u pjanoforti) u jinxeħet għat-tagħlim tal-mużika u għall-kompożizzjoni. Huma bosta x-xogħlijiet tiegħu għall-istrumenti tal-korda biex wieħed joqgħod isemmiehom kollha hawnhekk.

Fost il-ġenerazzjoni l-ġdida ta' vjolinisti insemmu biss lil **James** GRECH (1977-2005), li ħalliena meta kien għadu kif beda il-karriera birllanti tiegħu bħala *concert violinist*. Huwa studja kemm Malta kif ukoll barra minn xtutna. Kien ukoll il-fundatur u organizzatur tal-festival *Stradivari Season*. Kemm dam għall-kura l-Awstralja kien laħaq tella' xi kunċerti biex seta' jaqta' ftit mill-ispejjeż kbar li l-marda tal-kanċer sfortunatament iġġib magħha!

**Carmine** LAURI (tw. 1971) tgħallem il-vjolin taħt Mario Bizazza f'Malta u fir-*Royal Academy of Music* taħt Jean Harvey, Maurice Hasson u artisti distinti oħrajn fosthom, Anne Sophie Mutter u Ida Haendel. Huwa daqq ma' diversi orkestri madwar id-dinja fosthom il-World Orchestra for Peace taħt Valery Gergiev u l-London Symphony Orchestra, li tagħha huwa *co-leader*. Ma' din tal-aħħar ukoll, ġieli rrekorja mużika għall-films bħalma huma *Star Wars*, *Harry Potter*, u *The Queen*, kif ukoll oħrajn, bħalma huma *As you like it* u *Joyeux Noël*, illi fihom daqq bħala solista fuq il-vjolin. Ħafna huma l-okkażjonijiet l-oħra li fihom Carmine ġie magħżul biex idoqq bħala solista fil-preżenza ta' kapijiet tal-istat jew nies distinti oħra fosthom, il-Maesta Tagħha, ir-Reġina Eliżabetta II. Matul il-karriera brillanti tiegħu wkoll, ħareġ żewġ diski kumpatti, *Bravura* (1994) u *Violin Extravaganza* (2004). Carmine jiġi ta' spiss mistieden bħala ġurija f'gari mużikali li jinżammu ġewwa Londra, kif ukoll jikkowċja lill-istudenti avvanzati li jattendu r-*Royal Academy of Music* u l-*Guildhall School of Music and Drama*. Huwa ġie elett bħala *Associate of the Royal Academy of Music* (ARAM) u *Fellow of the Royal Academy (*FRAM) għall-kisbiet li għamel fil-karriera tiegħu fl-2004 u l-2006 rispettivament. Aktar riċenti, Carmine ngħata Ġieħ ir-Repubblika bħala turija għat-talenti distinti li dan il-vjolinist ta' fama mondjali jħaddan.


PL. 27. *A Cluster of Ancient Stringed Instruments*

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Skalin kollha għal żewġ raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant' Anna li qed tiġi ċċelebrata ġewwa ir-raħal marittmu ta' Wied il-Għajn, u (b) fl-okkażjoni tal-125 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp tal-Ħamrun. Il-Kumitat Ċentrali, flimkien mad-diversi Kummissjonijiet fi ħdan is-Soċjetà Ġużeppina, qed iħejju programm sħiħ u sabiħ ta' attivitajiet mużikali u oħrajn soċjali li ser ikunu mifruxin matul din is-sena kollha. Iċ-ċelebrazzjonijiet jilħqu l-qofol tagħhom b'Kunċert Kbir nhar is-17 ta' Awwissu fejn il-Banda tkun taħt id-direzzjoni tal-awtur stess li laħaq Surmast-Direttur ta' din l-ewwel Banda Ħamruniża proprju fl-1 ta' Ottubru tas-sena l-oħra.

Glossarju:

**Arżnu**: għuda tas-siġar tal-prinjoli, snuber eċċ, li tintuża fix-xogħol tal-għamara; injam imfittex ħafna għall-ebusija tiegħu.

**Kjavi**: dik li bl-Ingliż insejħulha *clef*, hija sinjal illi biha jiġi ffissat l-isem tan-noti – liema sinjal jinsab fil-bidu ta' kull biċċa mużika. B'kollox hemm tlieta minn dawn: waħda tas-SOL jew kjavi tal-Vjolin, erbgħa tad-DO - Sopran, Nofs Sopran, Kuntralt, u Tenur, u tnejn tal-FA - Baritonu u Baxx. Il-kjavi kollha huma wisq meħtieġa għat-trasport tal-istrumenti.

**Kjavi tal-Kuntralt**: din il-kjavi titqiegħed fuq it-tielet linja.



**Kwartett tal-arki**: grupp ta' erba' min-nies idoqqu erba' strumenti tal-korda flimkien, i.e. żewġ vjolini, wieħed prim u l-ieħor sekond, vjola, u vjolinċell. Ġieli wkoll, jidħol il-kuntrabaxx minflok il-vjolin sekond. Kompożituri tal-era Klassika bħal Joseph Haydn, Wolfgang Amadeus Mozart, u Ludwig van Beethoven kitbu ħafna bċejjeċ għall-kwartett tal-arki.

***Maestro di cappella***: xogħol dan is-surmast hu, mhux biss li jidderieġi l-mużika fil-knejjes, imma wkoll li jikkomponi bċejjeċ adatti biex isiru waqt il-funzjonijiet reliġjużi.

***Musica da camera***: tip ta' mużika għalbiex tindaqq f'post żgħir u mhux f'xi knisja kbira, ġo xi teatru, jew sala tal-kunċerti. Fi kliem ieħor, hija mużika miktuba għal numru żgħir ta' strumenti u/jew vuċijiet.

**Pentagramma**: dik li bl-Ingliż insejħulha *Stave* jew *Staff*, jiġifieri vers ta' ħames rigi għall-kitba tal-mużika. In-noti jinkitbu fuq jew bejn dawn il-ħames linji paralleli u jingħaddu mill-ewwel linja jew spazju t'isfel għal fuq.

**Raża**: gomma; għelk tas-siġar; sustanza twaħħal magħmula wkoll b'mod sintetiku.

**Sikamoru**: Tip ta' siġra li minnha jittieħed l-injam.

**Sìnkope**: fil-mużika din tiġri meta nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-deboli.

**Vodvill**: Ġeneru teatrali ħafif u mexxej, b'taħlita ta' partijiet irreċtati u oħrajn kantati. Dan il-ġeneru twieled fi Franza fl-ewwel deċennji tasl-seklu dsatax.

**Verniċ**: lostru: għelk trasparenti li bih l-oġġett jiġi jleqq.